MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-27 ta' April, 2010

Numru. 172/2008

Il-Pulizija
(Sp Edmond Cuschieri)
vs
Raymond Abela, iben Joseph, imwieled l-Awstralja fit-30 ta' Diċembru, 1966, Karta ta' l-Identita numru 125483(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fl-10 ta' Frar, 2008 għal ħabta tas-1.30 p.m. fi Triq il-Kostituzzjoni, Mosta mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor fi perikolu ċar, ikkaġuna feriti ta' natura gravi, fuq il-persuna ta' Carmel Micallef mill-Mosta, skkont kif iċċertifikat Dr. Tracy Lee Azzopardi ta' l-Isptar Mater Dei;
2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi ħebb għall-istess Carmel Micallef sabiex jiġurjah, idejqu jew jagħmillu ħsara;

3. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'għajjat u ġlied;
4. talli rrenda ruħu reċidiv b'diversi sentenżi tal-Qorti li saru definittivi u ma jjistgħux jiġu mibdula.
Il-Qorti ġiet mitluba li tipprovdi għas-sigurta ta' l-imsemmija vittma billi f'każ ta' ħtija torbot taħt garanzija lill-imputat taħt somma ta' flus u perjodu li jidhrilha xieraq skont l-artikoli 383 u 384 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ya' April, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 214, 216, 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi piena karċerarja f'dan il-każ tkun waħda kontro-produċenti. Għalhekk, ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------